MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2013

Numru. 852/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**WAYNE CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat WAYNE CAMILLERI, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Carmelo u Josephine xebba Mallia, imwieled Pieta nhar it- 28 ta' Gunju 1992 u residenti gewwa BLK 'C', Fl4, Triq L-Alfier De Medran, Tarxien gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B’ Diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’:

1. Nhar it- 23 ta Lulju 2013 ghall-habta ta’ 12:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ikkommetta serq ta’ gizirana min fuq il-persuna ta’ Maria PiaVella ta’ 71 sena;

2. U aktar talli nhar it- 23 ta’ Lulju 2013 ghall-habta ta 18:15hrs gewwa Misrah San Gakbu Zabbar, ikkommetta serq ta’ gizirana minn fuq il-persuna ta’ Pawla Scicluna ta’ 71 sena;

3. U aktar talli nhar l- 24 ta’ Lulju 2013 ghall- habta ta’ 17:15hrs gewwa Triq is- Santwarju, Zabbar ikkommetta serq ta’ gizirana min fuq il-persuna ta’ Rosina Schembri ta’ 76 sena;

4. U aktar talli nhar it- 30 ta Lulju 2013 ghall-habta ta’ 13:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ikkommetta serq ta’ gizirana min fuq il-persuna ta’ Rosaria Vella ta’ 77 sena; liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur li ma jeccedix l- elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u seba w tletin Centezmu (€2,329.37).

5. U aktar talli volontarjament ikkommetta griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rosaria Vella ta’ 77 sena skond certifikat mediku ta’ Dr. Adam Falzon Reg: 3425.

6. U aktar talli fl-istess cirkustanzi, sar recidiv b’sentenzi mghotija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi huma definiti u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

7. U aktar talli fl-istess cirkustanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 27 ta Lulju 2013 moghtija lilu minn Magt. Dr A. Vella LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe’ fedina penali, att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, mandate ta’

arrest, tmien ritratti go envelop kannella mmarkat Dok CSH, zewg stqarrijiet, dikjarazzjoni tar-rifjut ta’ jedd ghal parir legali, certifikat mediku u erba’ (4) okkorrenzi.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu llum wiehed u tletin (31) ta’ Awwissu 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal- wiehed u tletin (31) ta’ Awwissu 2013.

Invista ta’ tali ammissjoni, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ghandu dipendenza fuq d-droga u jinsab wiehed minn hdax-il ahwa.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga’ kiser difrejh mal-ligi fil-passat u dan in konnessjoni ma’ akkuzi relatati ma’ serq u ma gharafx jisfrutta ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu u ghalhekk din id-darba il-Qorti trid turi id kiefra sabiex forsi l-imputat jitghallem mill-izbalji tieghu.

Semghet pero’ lill-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u li sahansitra irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu. Dan nonostante pero’ ma jnaqqasx min-natura tal-akkuzi serji li nghataw fil-konfront tal-imputat u cioe’ li huwa kkommetta diversi serqiet fl-istess gimgha fix-xahar ta’ Lulju 2013 u invista ta’ l-antecedenti tieghu, l-Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 28D(1), 49, 50, 262(a), 267, 274(d), 276(a), 280(2), 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat WAYNE CAMILLERI hati ta' l-akkuzi u tikkundannah hmistax-il xahar prigunerija effettivi ghall-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu.**

**Oltre dan tordna li s-sentenza sospiza li nghatat fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Lulju 2013 fejn gie kkundannat disa' (9) xhur prigunerija tigi reza operattiva.**

**Il-Qorti semghet lill-imputat jghid li huwa ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u ghaldaqstant taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lill-imputat jibda programm sabiex jindirizza din il-problema.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------